| | | |
|---|---|---|
| **VEH 39**<br><br>**FORMOLA TA' DIKJARAZZJONI** | **Transport Malta**<br>**Direttorat għat-Trasport fuq l-Art**<br>Telefown: (00356) 2556 0000/8007 2393<br>Websajt: www.transport.gov.mt | Transport Malta |

*Jiena, hawn taħt iffirmat/a,____________________________, li għandi n-Numru tal-Karta tal-Identità______________(___)*

*Niddikjara li:* **(Imla skont ma huwa applikabbli):**

(a) *Jiena tlift id-**diska tal-liċenzja tat-triq** tal-vettura tiegħi bin-numru tar-reġistrazzjoni:_______________ ;*

*(b) Jiena tlift iċ-**ċertifikat tar-reġistrazzjoni/logbook** tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni:___________;*

*(c) Jiena tlift il-**liċenzja tas-sewqan tiegħi** ◯ **jew il-kontraparti** ◯**;***

(d) Jiena tlift it-**tag tas-sewqan tieghi;**

(e) *Jiena tlift **pjanċa** ◯ **jew iż-żewġ pjanċi** ◯ tal-vettura tiegħi bin-numru tar-reġistrazzjoni:___________________ ;*

In-numru uniku tal-pjanċa li għadha fil-pussess tiegħi huwa ___________________
(In-numru uniku *jinsab fuq il-pjanċi tan-numru tal-vettura*). **Qis tal-Pjanca/i** ☐ ☐

(f) _________________________________________________________________

**KUNSENS:** Jiena, nawtorizza lil ____________________________ bin-numru tal-Karta tal-Identità:_________________ sabiex jiġbor/tiġbor id-dokument/i, liċenzja/i jew pjanċi tar-reġistrazzjoni f'ismi.

---

**Dikjarazzjoni tal-applikant**
Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni mogħtija minni f'din il-formola ta' dikjarazzjoni hija vera, kompleta u korretta. Nifhem li d-dokument li qiegħed napplika għalih permezz ta' din il-formola ta' dikjarazzjoni jiġi revokat u rritornat lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u li tista' tittieħed azzjoni kriminali kontrija jekk xi dettalji jew informazzjoni mogħtija f'din il-formola ta' dikjarazzjoni jew fejn xi dokument jew dokumenti preżentati minni bħala prova għal din il-formola ta' dikjarazzjoni huma foloz, qarrieqa, mhux kompluti jew mhux korretti.

___________________ ___________________________

***Data*** ***Firma tal-applikant***

| | | Dritt għad-dikjarazzjoni | Drittijiet amministrattivi | Dritt totali |
|---|---|---|---|---|
| **A.** | Diska tal-liċenzja tat-triq | €8.00 | €10.00 | **€18.00** |
| **B.** | Ċertifikat tar-reġistrazzjoni / *Logbook* | €8.00 | €10.00 | **€18.00** |
| **C.** | Liċenzja tas-sewqan / Kontraparti | €8.00 | €10.00 | **€18.00** |
| **D.** | Pjanċa waħda | €8.00 | €35.00 | **€43.00** |
| **E.** | Żewġ pjanċi | €8.00 | €70.00 | **€78.00** |
| **F.** | Tag | €8.00 | €12.00 | **€20.00** |

**TWISSIJA LILL-APPLIKANTI** (Klawsola ta' ċahda ta' responsabbilta') – Firem falzifikati, dikjarazzjonijiet ħżiena jew ħabi ta' fatti materjali fuq din il-formola jew xi dokumenti ippreżentati flimkien ma' din l-applikazzjoni jistgħu jagħtu lok għal passi kriminali. L-Awtorita Għat-Transport f' Malta ma tagħmel l-ebda garanziji, espliċiti jew impliċiti, għall-verifika tal-identita/firem ta' dawk il-persuni li isimhom jidher fuq id-dokument tat-trasferiment. L-Awtorita Għat-Transport f'Malta tiċhad ukoll kull responsabbilta' għal telf, ħsara jew dannu lil min jitrasferixxi/il-persuna li ilha tiġi trasferita jew lil terzi persuni b'riżultat ta' xi difett fl-identita/firma fuq id-dokument tat-trasferiment.

**Avviż dwar il-Privatezza tal-Protezzjoni tad-Data**

L-Awtorita Għat-Transport f'Malta ta' Triq Pantar, Lija, Malta, LJA 2021 huwa l-Kontrollur tad-Data għall-fini tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data CAP 586 u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) (GDPR) 2016/679. Dan l-Avviż ta' Privatezza jistabbilixxi l-mod kif niġbru u nipproċessaw l-Informazzjoni Personali tiegħek, kif ukoll il-passi li nieħdu biex nipproteġu din l-informazzjoni.

**1. L-informazzjoni li niġbru u kif nużawha**

1.1. Minn din l-Applikazzjoni L-Awtorita Għat-Transport f' Malta tiġbor tipi differenti ta' informazzjoni liema informazzjoni hija dik meħtieġa mil-Liġi u tintuża espliċitament għall-applikazzjonijiet tiegħek relatati mar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi u l-Liċenzji tas-Sewwieqa. Ta' min jinnota li jekk l-informazzjoni meħtieġa ma tingħatax l-imsemmija applikazzjoni ma setgħetx tiġi pproċessata.

1.2. L-iskop primarju għall-ġbir ta' l-informazzjoni huwa prinċipalment biex tipproċessa l-applikazzjonijiet relatati mar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi u l-Liċenzji tas-Sewwieqa, madankollu, l-informazzjoni personali tiegħek tista' tintuża wkoll għal skopijiet relatati li fost oħrajn jinkludu: tibgħat notifiki, tiġġedded il-liċenzja wara l-perjodu ta' skadenza, u għall-provvista ta' informazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe emenda leġiżlattiva li tista' taffettwa s-servizzi offruti lilek.

**2. Lil min aħna Niżvelaw informazzjoni**

2.1. Din l-informazzjoni se tintuża biss għar-raġunijiet dettaljati hawn fuq. Madankollu jista' jkun hemm każijiet fejn l-informazzjoni personali tinqasam mal-partijiet terzi li ġejjin għal raġunijiet elenkati hawn taħt;

- Kwalunkwe parti terza li toffri għajnuna biex tipprovdi s-servizz, inklużi l-Kumpaniji ta' l-Assigurazzjoni u l-Kuntratturi responsabbli għall-iżvilupp ta' Applikazzjonijiet għal Reġistrazzjoni u Liċenzjar jew Liċenzji tas-sewqan tal-Vetturi;
- Kwalunkwe korp tal-infurzar tal-liġi li jista' jkollu xi ħtieġa raġonevoli biex jaċċessa l-informazzjoni personali tiegħek;
- Entitajiet ta' partijiet terzi responsabbli għall-ipproċessar tad-data u l-istampar ta' liċenzji relattivi.

**3. Drittijiet tas-Suġġett tad-Data**

3.1. Fir-rigward tad-drittijiet tal-privatezza tiegħek, L-Awtorita Għat-Transport f' Malta hija obbligata li tagħtik aċċess raġonevoli għad-Data Personali li pprovdejtilna. Id-drittijiet prinċipali l-oħra tiegħek taħt il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data huma:

a. id-dritt għall-informazzjoni;
b. id-dritt għall-aċċess;
c. id-dritt għar-rettifika;
d. id-dritt li tħassar;
e. id-dritt li jiġi ristrett l-ipproċessar;
f. id-dritt ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar;
g. id-dritt għall-portabbiltà tad-data;
h. id-dritt li tressaq ilment quddiem awtorità superviżorja; u
i. id-dritt li tirtira l-kunsens.

3.2. Jekk tixtieq taċċessa jew temenda kwalunkwe Data Personali li għandna dwarek, jew titlob li tħassar kwalunkwe informazzjoni dwarek, tista' tikkuntattjana billi tibgħat talba lil dataprotection.tm@transport.gov.mt. Aħna nirrikonoxxu t-talba tiegħek fi żmien tnejn u sebgħin (72) siegħa u se nagħmlu l-almu tagħna biex nimmaniġġjawha minnufih. Aħna se nwieġbu għal dawn it-talbiet fi żmien xahar, bil-possibbiltà li nestendu dan il-perjodu għal talbiet partikolarment kumplessi skont il-Liġi Applikabbli.

3.3. Fi kwalunkwe ħin, tista' toġġezzjona għall-ipproċessar tad-Data Personali tiegħek, għal raġunijiet leġittimi, ħlief jekk ikun permess mod ieħor mil-liġi applikabbli.

3.4. Skont il-Liġi Applikabbli, aħna nirriżervaw id-dritt li nżommu data personali jekk niżvelawha taffettwa ħażin id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Barra minn hekk, aħna nirriżervaw id-dritt li niċċarġjaw miżata għall-konformità ma' talbiet bħal dawn jekk huma meqjusa manifestament infondati jew eċċessivi.

**4. Perjodu ta' żamma**

4.1. Id-data personali tinżamm għal mhux aktar minn 3 xhur mid-data ta' l-applikazzjoni jekk l-applikazzjoni ma titressaqx kompluta jew tiġi miċħuda.

4.2. Ladarba tinħareġ il-Liċenzja, aħna nżommu l-informazzjoni tiegħek sakemm meħtieġ biex nipprovdulek is-servizz tagħna, jew biex nikkonformaw mal-obbligi legali tagħna, insolvu tilwim u ninfurzaw il-ftehimiet tagħna.

**5. Sigurtà**

5.1. Nieħdu miżuri xierqa ta' sigurtà biex nipproteġu kontra telf, użu ħażin u aċċess mhux awtorizzat, tibdil, żvelar, jew qerda ta' l-informazzjoni tiegħek. Barra minn hekk, se jittieħdu wkoll passi biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità, l-integrità, d-disponibbiltà u r-reżiljenza kontinwa tas-sistemi u s-servizzi li jipproċessaw l-informazzjoni personali, u għandhom jirrestawraw id-disponibbiltà u l-aċċess għall-informazzjoni fil-ħin f'każ ta' inċident fiżiku jew tekniku. L-informazzjoni kollha miġbura tinżamm kunfidenzjali u tintuża biss għall-ipproċessar tal-Liċenzji tar-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar jew is-Sewqan tal-Vetturi.

5.2. Jekk nsiru nafu dwar ksur ta' sistemi ta' sigurtà, ninfurmawk dwar l-okkorrenza tal-ksur skond il-liġi applikabbli.

**6. Liġi Governattiva**

Id-data kollha miġbura f'din il-formola hija pproċessata skont il-Liġijiet tal-Privatezza li jinkludu r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (Regolament 2016/679 / UE) u Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Protezzjoni tad-Data).

**7. Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data**

7.1. L-Awtorita Għat-Transport f' Malta għandha Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data ("DPO") li huwa responsabbli għal kwistjonijiet relatati mal-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Id-DPO jista' jinkiseb fl-indirizz ta' hawn fuq jew bl-email: dataprotection.tm@transport.gov.mt

**8. Ikkuntattjana**

8.1. Jekk jogħġbok indirizza kwalunkwe mistoqsija, kumment u talba rigward il-proċess ta' applikazzjoni lil info.tm@transport.gov.mt